MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 175/2010

**Mobisle Communication Limited (C 24655)**

**vs**

**Spiteri Mary**
**I.D. 277957(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta' tlett mija u erba' u sittin Ewro u hamsa u hamsin Ewro centezmu (€364.55), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil ***Mobisle Communication Limited*** in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attriciu skond diversi kontijiet mibghuta lilha fuq kuntratt bin-numru 1025502 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali ta-31 ta' Ottubru, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment

ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontro l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta’ tlett mija u erba’ u sittin Ewro u hamsa u hamsin Ewro centezmu (€364.55), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------